# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru 2767

Kaz Numru 3712/JG

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Philippe Jean Guillaut detentur tal-Passaport
Franciz Nru. 11CT47480

U

HOSI Malta Limited bin-numru ta' registrazzjoni
(C-75590)

*Dwar: Tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum: 8 t'Ottubru, 2021

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**

## Introduzzjoni

Il-Kaz kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 7 ta' Jannar, 2019 permezz ta' l-avukati Cedric Mifsud u Charlene Gauci f'isem is-Sur Philippe Jean Guillaut. Min-naha l-ohra s-socjeta' HOSI Malta Limited irrispondiet fil-15 ta' Frar, 2019 permezz ta' l-avukati David Tonna u Nicole Briffa.

Fir-rigward ta' l-artiklu 78 tal-kap 452 tal-ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ma setax jiddeciedi l-kaz fil-perjodu stipulat mill-Ligi minhabba d-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

It-Tribunal kellu quddiemu kaz fejn ir-rikorrent is-Sur Guillaut allega li kien terminat mix-xoghol ingustament u bla raguni valida fil-Ligi, talab li jinghata kumpens u jerga jinghata x-xoghol li kellu lura filwaqt li s-socjeta thallas lura s-somma ta' €26,227.87 lill-attur ghal hlasijiet li hu allega li ma' thallsux lilu bhala remunerazzjoni dovuta kif ukoll hlas ta' l-ahhar jum tax-xoghol li allega ukoll li baqa ma thallasx tieghu.

Min-naha l-ohra, s-socjeta' ntimata HOSI Malta Limited eccepiet illi l-allegazzjoni illi t-terminazzjoni tal-impjieg kienet wahda ngusta hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li s-socjeta' tassertja illi t-terminazzjoni saret skont il-ftehim bejn il-partijiet u giet accettata da parti tar-rikorrent. Ma' dan is-socjeta' izzid li ma hemm l-ebda ammont dovut bhala salarju mhux imhallas lir-rikorrent.

**Fatti tal-kaz**

Ir-rikorrent Philippe Jean Guillaut kien impjegat mal-kumpanija HOSI Malta Limited fil-25 ta' Jannar, 2017 fuq kuntratt ta' impjieg indefinit bhala RDFE Assistant / Pilot. Huwa kellu jkun stazzjonat il-Marrakech il-Marokk biex jaghmel vjaggi bl-ajru f'dak ir-regjun geografiku partikolari. Minhabba f'hekk huwa kellu jidhol fi ftehim ta' mpjieg iehor ma' Heliconia Group, kumpanija registrata l-Marokk u ghaldaqstant setghat, skont il-ligi Marokkina, timpjega persuni biex jahdmu fil-gurisdizzjoni Marokkina.HOSI Malta Limited tifforma parti mill-Group Heliconia.

Dan, flimkien ma' dettalji ohra nkluz is-salarju u kundizzjonijiet ohra tax-xoghol dovuti johorgu mill-istess kuntratt tax-xoghol tal-25 ta' Jannar, 2017. Nhar it-3 ta' Mejju, 2018, ir-rikorrent ircieva ittra ta' notifikazzjoni ta' terminazzjoni minghand is-socjeta' ntimata, fejn huwa gie nfurmat illi l-impjieg tieghu kien ser jigi terminat fi zmien tliet xhur, jigifieri nhar it-3 ta' Awwissu, 2018 u dan minghajr ma nghata raguni ghal din it-terminazzjoni ta' mpjieg. Nhar is-27 ta' Gunju, 2018, ir-rikorrent rcieva ittra ohra ta'

notifikazzjoni ta' terminazzjoni ta' mpjieg, fejn gie infurmat illi l-impjieg tieghu ser jigi tterminat nhar l-1 ta' Ottubru, 2018 minflok it-3 ta' Awwissu kif notifikat fl-ewwel ittra.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal kellu quddiemu terminazzjoni ta' mpjieg ghal raguni ta' sensja (redundancy), filwaqt li r-rikorrent kien qed jallega tkeccija ngusta. Ghaldaqstant, it-Tribunal ried jiddetermina jekk il-kundizzjonijiet li jwasslu ghas-sensja (redundancy) kienux prezenti u jekk fl-affermattiv, kinetx segwita l-procedura necessarja ghal dan.

It-Tribunal kellu wkoll jara n-natura ta' talbiet tar-rikorrent dwar il-hlasijiet bhala remunerazzjoni tax-xoghol tieghu li hu jallega huma dovuti lilu. F'dan il-dawl, it-Tribunal ried jara jekk kellux il-kompetenza guridika li jiddetermina talbiet bhal dawn.

Hlasijiet dovuti ghal salarju u perkacci ohra li allegatament baqghu ma thallsux mis-socjeta' ntimata lir-rikorrent.

Ir-rikors promotur li permezz tieghu r-rikorrent beda dawn il-proceduri jitlob lit-Tribunal jiddikjara li s-socjeta' appellata hija debitrici fil-konfront tieghu minhabba nuqqas ta' twettiq ta' l-obbligi kuntrattwali li l-partijiet kienu intrabtu bih fil-kuntratt tax-xoghol.

It-Tribunal ifakkar li l-kompetenza guridika tat-Tribunal hija regolata mill-artiklu 75(1) tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta fejn jelenka gurisdizzjoni specifika u mhux generali jew ordinarja bhal ta' dik ta' organi ohra tal-Qorti. F'dan is-sens it-Tribunal jirreferi ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell 17.06.2020 (Adrien Malgonne vs Hosi Malta Limited) fejn il-Qorti ddikjarat li kwistjonijiet marbut ma' debitu allegat dovut tmur lil hinn mil-limiti specifici tal-kap 452 tal-ligijet ta' Malta.

F’dan ir-rigward, it-Tribunal jiddeciedi u jaqta’ li t-talbiet tar-rikorrent bin-numri 6 u 7 tar-rikors promotur imorru lill hinn mill-kompetenzi guridici tat-Tribunal Industrijali u ghalhekk ghandhom jigu trasferiti minn dan it-Tribunal ghal dik il-Qorti kompetenti biex tiddeciedi dwar dawn.

Terminazzjoni u notifika ta’ sensja (redundancy)

It-Tribunal ried jibda billi jhares lejn il-fatturi li jikkostitwixxu ‘sensja’ – “*redundancy*”.
Kapitlu 452 tal-ligijiet ta’ Malta ma jaghtux definizzjoni ta’ sensja “*redundancy*” izda l-gurisprudenza Maltija u barranija toffri gharfien sostanzjali dwar dan.

Sensja genwina ssehh meta s-sensja hija dovuta ghal fatt li min ihaddem ghandu bzonn numru anqas ta’ haddiema biex isir xoghol ta’ certu tip jew li ma jkunx ghad hemm il-bzonn tal-haddiema kollha ghax-xoghol rikjest.

Ghalhekk biex sensja tinghata b’mod gust, min ihaddem irid jistabbilixxi li r-rwol tal-haddiem jew haddiema milqutgha verament spiccat jew sa tispicca. Fil-ligi Ngliza, sensja “*redundancy*” hija meqjusa bhala terminazzjoni specjali ta’ mpjieg li jsehh meta hemm il-bzonn li jitnaqqsu l-haddiema. F’dan ir-rigward, impjegat hu meqjus bhala “redundant” meta:

1 min ihaddmu waqqaf jew sa jwaqqaf in-negozju,
2 li r-rikjesti mitluba minn haddiem jew haddiema biex jaghmel certu tip specjali ta’ xoghol jew spicca jew sa jispicca mil-lokalita fejn kien qed isir.

Biex terminazzjoni ta’ l-impjieg ghal raguni ta’ sensja ‘redundancy’ tkun konsidrata, l-principal irid jonqoslu x-xoghol u jispicca b’haddiema zejda.

F’dan il-kaz it-Tribunal kellu l-verzjoni tas-Sur Guillaut fejn jghid li hu kellu jibda billi jkun “deputy of a Planning Manager” sa Lulju 2017 u wara jkompli fir-rwol ta’ “Crew Training Manager”. F’dan l-istadju hu kellu jibda jircievi madwar 2000 Euro addizzjonali mill-kumpanija fil-Marokk. Jghid li dan l-

arrangament sar mas-sid tal-kumpanija s-Sur Sigaud meta kien qed jinnegozja l-kuntratt ta' l-impjieg f'Jannar tal-2017. Is-Sur Guillaut jispjega li minhabba li hu kien stazzjonat il-Marokk, kellu bilfors jimxi mal-procedura ta' dak il-pajjiz u jidhol f'kuntratt ta' xoghol iehor ma' kumpanija registrata l-Marokk minkejja li hu diga kien kopert b'kuntratt ta' mpjieg minn Malta ma' HOSI Malta Limited. Hu zzid jispjega li bhala job kien wiehed u mhux tnejn –

"Actually, I have one job as a helicopter pilot of operation and is same" … "The employment was one of course" - (Atti tat-23 ta' Ottubru, 2020).

Is-Sur Guillaut ikompli jispjega li n-nomenklatura ta' RDFE Assistant kif hemm imnizzel fil-kuntratt ta' l-impjieg ta' Jannar tal-2017 huwa ekwivalenti ghan-nomenklatura ta' Crew Training Manager.

Jispjega li hu kien l-uniku persuna li kien jaghmel xoghol ta' Crew Training Manager fil-Grupp liema rwol, skont hu kienet tfisser "Flight Director" u bhala konsegwenza tkun ukoll Deputy of Operations. IS-sur Guillaut jispjega li r-rwoli baqghu hekk sakemm dan ix-xoghol inghata lil impjegat iehor tal-Grupp s-Sur Forcade. Hu jilmenta li wara li gie ssensjat, is-Sur Forcade beda jaghmel ezatt l-istess xoghol tieghu.

It-Tribunal jinnota li l-kuntratt ta' l-impjieg la jsemmi rwoli ta' "Deputy Planning Manager" u anqas "Crew Training Manager" imma RDFE assistant / pilot u dan konsistenti ma' dak li qal is-Sur Sigaud fl-atti tal-21 ta' Mejju, 2021. Mill-atti anqas tohrog xi evidenza li r-rikorrent kien inghata xi promozzjoni ghal kategorija aktar avvanzata jew li nbidillu t-titlu ghal "Flight Director" jew "Deputy of Operations" jew li kien qed jithallas salarju ghola minhabba dan. Ghaldaqstant it-Tribunal jikkonkludi li fil-mument tas-sensja s-Sur Guillaut kien ghadu fil-kariga ta' RDFE assistant / pilot kif elenkat fil-kuntratt ta' l-impjieg tal-25 ta' Jannar, 2017.

It-Tribunal ra l-ittri ta' terminazzjoni kemm dik iffirmata mis-Sur Sigaud u kemm dik iffirmata mis-Sur Chris Krajewski u jinnota li ma nghatat l-ebda raguni ghat-terminazzjoni. Sitwazzjoni ta' sensji hija sitwazzjoni iebsa imma reali u l-Ligi taghna tirrikonoxxi sitwazzjonijiet bhal dawn u ghalhekk ma

hemm l-ebda raguni li dan il-fatt ma jitnizzilx fl-ittra ta' terminazzjoni. Tajjeb u hu necessarju li l-Manigment ikellem, jiddiskuti, jesplora u jghin lil haddiema milquta mis-sensji, anzi huwa obbligu li dan jaghmlu imma daqstant iehor ghandu jkun trasparenti mal-haddiema u jnizzel fl-ittra ta' terminazzjoni li r-raguni tat-tmiem ta' l-impjieg, kienet ir-Redundancy. Il-fatt li dan ma sarx kien nuqqas tal-kumpanija.

Min-naha l-ohra t-Tribunal kellu l-verzjoni tal-kumpanija. Is-Sur Chris Krajewski serva bhala Chief Executive Officer tal-Grupp Heliconia inkluza l-kumpanija Maltija HOSI Malta Limited bejn Jannar 2018 u Dicembru 2019. Hu beda biex jispjega r-raguni ghaliex certu haddiema li jahdmu f'gurisdizzjonijiet differenti jkollhom bzonn zewg kuntratti. Hawn wiehed jara konsistenza bejn dak li qal is-Sur Krajewski u dak li rrapporta s-Sur Guillaut.

Dwar it-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrent, is-Sur Krajewski qal li kien involut anzi xi ftit aktar fil-kaz tas-sur Guillaut ghaliex, fejn normalment decizjonijiet marbuta mar-rizorsi umani jkunu komunikati mill-kap tad-dipartiment fejn l-impjegat milqut jahdem u mid-Direttur tar-Rizorsi Umani, f'dan il-kaz, din ir-responsabbilta' waqat fuq spallejn is-CEO ghaliex iz-zewg persuni responsabbli kienu msiefra.

Is-Sur Krajewski jispjega kif f'Mejju tal-2018 il-Grupp iffaccja krizi meta x-xoghol "offshore" li kien xoghol konness ma' l-industrija taz-zejt waqaf u ma kienx hemm aktar xoghol. Ma' dan, kien hemm rizultati dizappuntanti anki fuq xoghol li kien "onshore". Minhabba dawn iz-zewg fatturi kien hemm nuqqas sinjifikanti fid-dhul tal-kumpanija u ghalhekk il-Manigment kellu jhejji plan ta' ristrutturar li kien sa jfisser li numru ta' rwoli kienu sa jigu affettwati, nkluz ir-rwol tas-Sur Guillaut li skont is-Sur Krajweski din il-posizzjoni tnehhiet mill-istruttura ta' l-organizazzjoni. Hu jkompli jispjega li kien hemm bejn hmistax15 u ghoxrin20 persuna milquta mis-sensji fosthom, piloti, inginiera u membri tal-Manigment. Is-Sur Krajewski jinforma li anki r-rwol tieghu bhala CEO gie eliminat u spicca ssensjat f'Dicembru 2019 minkejja li kompla bhala konsulent ghal zmien qasir sakemm il-kumpanija harget mill-krizi.

Huwa jzid li kien tkellem mas-Sur Guillaut u spjegalu r-ragunijiet tar-ristrutturar u tah l-ahbar tas-sensja filwaqt li ghaddielu l-ittra tat-terminazzjoni. Hu jzid jghid li ta parir lir-rikorrent biex ikellem lil kap tad-dipartiment tieghu u lid-Direttur ta' l-HR biex maghhom jara kif sa jimxi l-process tas-sensji u jesplora jekk kienx hemm possibilita' li l-kumpanija tghinu f'dan il-mument.

Is-CEO jispjega li l-job tas-Sur Guillaut seta' jigi eliminat ghaliex il-kumpanija diga kellha Manager of Training li kien kwalifikat aktar mis-Sur Guillaut ghaliex mhux biss kien licenzjat biex iharreg fuq iz-zewg helicopters specifici li s-Sur Guillaut kien kwalifikat ghalihom imma seta' jharreg fuq ohrajn ukoll. Infatti r-rwol tas-Sur Guillaut gie integrat mar-responsabbiltajiet tas-Sur Forcade.

Is-Sur Krajewski spjega l-kriterja li fuqhom inghataw is-sensji. Hu qal li l-impjegati kienu jafu li l-kumpanija kienet fi krizi u diversi kienu koncernati dwar jekk kienux huma li sa jintlaqtu mis-sensji. Is-CEO spjega li ntuzaw zewg kriterji, l-ewwel kienet il-kompetenzi tal-piloti fir-rigward it-tip ta' helicopters li jtajru marbut ma' kemm kien hemm talba ta' xoghol ghalihom. Ghalhekk taw sensji li dawk il-piloti li kienu jtajru biss helicopters li ma kienx hemm domanda ta' xoghol ghalihom. It-tieni kriterju kien is-senjorita' fis-servizz. Minhabba li s-Sur Guillaut kien Assistant Training Manager u kien l-uniku wiehed fil-kategorija tieghu u minhabba l-posizzjoni giet abolita' mill-istruttura organizzattiva allura l-kumpanija ma kellhiex alternattiva hlief li taghti s-sensja lir-rikorrent. Hu jkompli jghid li l-kumpanija ppreferiet izzomm lis-Sur Forcade bhal Training Manager ghaliex kien fi klassi ohra u aktar avvanzata, barra li kien kwalifikat f' "multiple aircraft types" u mhux biss fiz-zewg tipi specifici li kien kwalifikat ghalihom is-Sur Guillaut.

It-Tribunal jinnota li l-Grupp Heliconia ghadda minn krizi ghaliex ix-xoghol verament naqas kemm dak "off-shore" u anki ffaccjat problemi "on-shore". Dan inevitabilment iwassal ghal ri-strutturar u b'konsegwenza li hafna drabi certa rwoli jispiccaw zejda u ma jkunx hemm izjed xoghol ghalihom. HOSI Malta Limited kienet agenzija ta' l-ingagg ta' haddiema ghal Grupp Heliconia

u l-mument li dan il-grupp jiffaccja nuqqas ta' xoghol, il-haddiema ta' HOSI Malta Limited stazzjonati f'dak ir-regjun partikolari jispiccaw bla xoghol u vulnerabbli ghas-sensja. Dan kien il-kaz f'din is-sitwazzjoni.

It-Tribunal irid ukoll ifakkar fl-obbligi li min ihaddem ghandu f'sitwazzjoni ta' sensji. Min ihaddem irid juri sensittivita' kif jikkomunika ahbarijiet bhal dawn li jaffettwaw mhux biss lill-haddiem imma l-familja kollha tieghu jew taghha. Irid ikun trasparenti u jispjega car is-sitwazzjoni, jiddiskuti possibiltajiet alternattivi ta' xoghol, u jimminimizza il-tbatija kemm jista' jkun.

Il-mod kif kien immanigjat il-process tas-sensji ma kienx ideali. Li jkollok id-Direttur tar-Rizorsi Umani msiefer meta fl-istess hin qed thabbar is-sensji ma taghmilx sens u turi nuqqas ta' sensittivita' u rispett lejn il-haddiema anki jekk is-CEO sab il-hin biex jitkellem mar-rikorrent dwar dan. Li tintbaghat it-tieni ittra ta' terminazzjoni b'data gdida minghajr konsultazzjoni mal-haddiem huwa nuqqas iehor li ma kellux isir. Li l-process tas-sensji kien bazikament wiehed ta' informazzjoni u nieqes minn aspetti umani ta' assistenza, kienu nuqqasijiet li kumpanija li trid tattira l-ahjar talent lejha ma taghmel qatt.

It-Tribunal hares ukoll lejn iz-zewg kriterji ghas-sensji li uzat il-kumpanija. L-ewwel dak tal-kompetenzi necessarji biex jaqdu d-domanda ta' xoghol li kien fadal u t-tieni intuzat is-seniority fil-kategoriji rispettivi milquta. It-Tribunal ra li dawn iz-zewg kriterji kienu legittimi fic-cirkostanzi.

Kien legittimu d-distinzjoni li l-kumpanija ghamlet bejn il-kompetenzi tas-Sur Guillaut u dawk tas-Sur Forcade. Dan ta' l-ahhar kellu kwalifici u esperjenzi aktar wiesa u relevanti ghax-xoghol tal-kumpanija minn dawk li kellu s-Sur Guillaut.

Wiehed jifhem li galadarba naqas ix-xoghol tal-piloti, ha tonqos ukoll il-funzjoni tat-tahrig u ghaldaqstant ir-rwol ta' Assistant RDFE tonqos u possibilment funzjoni bhal din tigi ntegrata f'rwol iehor jew f'wiehed aktar avvanzat. Ghalhekk kien legittimu li l-kumpanija integrat il-funzjonijiet li kien iwettaq is-Sur Guillaut ma' funzjonijiet aktar avvanzati f'kategorija tax-xoghol

ghola. Kien legittimu li l-kumpanija tappunta lis-Sur Forcade biex igorr dawn il-funzjonijiet mhux biss ghaliex kellu kredenzjali aktar mehtiega ghas-sostenibbilita' tan-negozju tal-kumpanija imma ghaliex is-Sur Forcade kien diga jokkupa l-posizzjoni ta' RDFE Training Manager u mhux RDFE Assistant bhal fil-kaz tas-Sur Guillaut.

**<u>Decizjoni</u>**

Wara li t-Tribunal ezamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-kaz, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li hares lejn l-elementi tal-kaz fit-totalita' u l-komplessita' taghhom, jiddeciedi li s-sur Philippe Jean Guillaut kien terminat mix-xoghol gustament u skont il-Ligi.

**<u>Drittijiet</u>**

L-ispejjez tal-kawza huma a karigu tal-partijiet rispettivi taghhom u dana ai termini tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986.

**(iffirmata)**

Joseph Gerada
Chairperson

VERA KOPJA

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju